# Stuffat tal-fenek

**Għandek bżonn: (4 persuni)**



Fenek imdaqqas ta' bejn 1.3-1.5kg
400g majjal taż-żaqq
500g basal
Sinna tewm
4 weraq rand
Ħwawar
Ftit żejt
250ml inbid aħmar jew abjad
2 bottijiet tadam polpa
100g piżelli tal-friża
800g patata
Bżar u melħ

**Metodu:**

Qatta l-fenek u l-majjal f'biċċiet żgħar
Qatta l-basal u t-tewm u qalli fiż-żejt
Zied il-biċċiet tal-fenek u majjal u sajjar sakemm jieħdu l-kulur
Zied il-ħwawar, rand, bżar u ftit melħ u bilmod żied l-inbid u t-tadam
Kompli sajjar għal madwar tletin minuta
Qaxxar il-patata u qatta fi *cubes* zgħar u żied fil-borma
Tektek fuq nar baxx għal nofs siegħa oħra
Fl-aħħar ħames minuti żied il-piżelli

**Kontorni:**

Ma' din ir-riċetta tista sservi ftit spaghetti jew ross abjad imżejjen bit-tursin mqatta rqiq